MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 33/2005/2

**Carmel sive Charles Camenzuli u martu Helen**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, mis-sentenzi parzjali li nghataw mill-istess Qorti fit-23 ta' Marzu 2007 u fit-23 ta' Marzu 2012.

**Il-Fatti**

**2.** Fil-5 ta' Mejju 2005 il-Kummissarju intimat hareg ordni ta' zgumbrament fil-konfront ta' Salvina Camenzuli u ta' binha r-rikorrenti li kienu joqoghdu maghha flimkien ma' martu u uliedu, sabiex dawn fi zmien sebat ijiem johorgu mill-fond 1B Windmill Street, Vella, proprjeta` tal-Gvern, u li kien mikri, inizjalment lil Vincent Camenzuli, u sussegwentement giet rikonoxxuta bhala nkwilina martu Salvina Camenzuli.

**3.** Ghalkemm ir-rikorrenti kienu talbu sabiex huma jigu rikonoxxuti bhala nkwilini, il-Kummissarju ma laqax it-talba taghhom, u l-inkwilinat baqa' jghajjat lill-imsemmija Salvina Camenzuli. Eventwalment din hallset il-kera dovuta sal-31 ta' Marzu 2005, u fis-27 ta' Gunju 2005 irritornat ic-cwievet lura lill-Kummisarju ntimat.

**4.** Fil-frattemp ir-rikorrenti baqghu joqoghdu fil-fond *de quo* flimkien mat-tfal taghhom, u, ghalkemm id-dipartiment offrielhom hames postijiet bhala akkomodazzjoni alternattiva, dawn irrifjutaw u nsistew li jibqghu jabitaw fil-fond fejn ir-rikorrent kien ilu jabita mis-sena 1973, u fejn skont l-istess rikorrent, huwa, flimkien mal-genituri tieghu, kienu ghamlu diversi spejjez sabiex irrendew il-post abitabbli.

**5.** Sussegwentement fil-15 ta' April 2005 ir-rikorrenti gew informati li wara l-31 ta' Marzu 2005 huma kienu ser jigu zgumbrati, u fil-fatt, fil-5 ta' Mejju 2005 harget l-imsemmija ordni li kellha tigi ezegwita fil-25 ta' Mejju 2005; izda fit-18 ta' Mejju r-rikorrenti ntavolaw il-proceduri odjerni, u l-ordni ta' zgumbrament giet sospiza mill-ewwel Qorti sakemm jigu konkjuzi dawn il-proceduri.

**6.** Fis-sustanza, ir-rikorrenti qed isostnu li l-Artikolu 3 tal-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa null ghax jivvjola l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni b'referenza ghall-Artikolu 14; li l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet fil-konfront taghhom huwa leziv tal-Artikolu 8[1] u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel

Protokoll tal-Konvenzjoni; u ghalhekk qed jitolbu rimedju effettiv.

**Ir-Rikors Promotur**

**7.** Ir-rikorrenti, ippremettew hekk:

“Huma ilhom joqghod bhala unika residenza taghhom u ta` uliedhom fil-fond 1B, Windwill Street, Valletta;

“Sussegwentement il-Kummissarju tal-Artijiet, ghaliex il-Gvern qal li ghandu progett, beda jinsisti mal-esponenti li johorgu mill-fond li kien id-dar taghhom.

“B`ordni mahruga taht il-Kap. 228 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Kummissarju tal-Artijiet fuq l-awtorita` tieghu nnifsu moghtija bil-ligi, u minghajr htiega jew access ghal decizjoni ta` xi qorti jew tribunal, iddekreta li l-esponenti qed jokkupa l-fond in kwistjoni jew parti minnu bla titlu u kien qed jordna l-izgumbrament taghhom.

“Din mhix semplicement diskrezzjoni amministrattiva li dwarha tista` ssir kawza halli Qorti tezamina l-att amministrattiv. Certament mhux *ultra vires* il-Kummissarju tal-Artijiet u dan ghas-semplici raguni li l-ligi nfisha taghtih is-setgha fuq kull Qorti u fuq kulhadd, u bil-firma tieghu, minghajr ma jaghti raguni jordna lizgumbrament.

“Ghalhekk l-esponenti m`ghandu l-ebda rimedju ordinarju. Ghalhekk kellu jirrikorri ghal rimedju kostituzzjonali.”

Ghal dawn ir-ragunijiet huma talbu li dik il-Qorti: [1] tiddikjara li l-Kap. 228 tal-Ligijiet ta’ Malta jivvjola l-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] fl-Artikolu 6[1], u fl-Artikolu 14, kif ukoll l-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, u ghalhekk huwa null u bla effett; [2] tiddikjara li l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet, fil-kaz in dizamina, jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 8[1] tal-Konvenzjoni, u ghalhekk l-istess ordni mahruga minnu hija null u bla effett, u ghandha titqies bhala mhux maghmula u kancellata; [3] tiddikjara li l-azzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet

tivvjola wkoll l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fuq citat[1]; [4] taghti kull rimedju iehor opportun, inkluz il-hlas ta' danni ghall-vjolazzjoni msemmija; [5] taghti mmedjatament ordni lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jiddezisti bla pregudizzju sakemm tigi deciza din il-vertenza biex hekk ma ssirx vjolazzjoni ohra, u cioe` li l-esponenti ma jkollhomx rimedju effettiv mill-awtoritajiet nazzjonali, skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

**Is-Sentenza tat-23 ta' Marzu 2007**

**8.** Illi fis-sentenza taghha tat-23 ta' Marzu 2007 l-ewwel Qorti ddecidiet billi cahdet l-ewwel talba tar-rikorrenti, filwaqt li laqghet it-tieni talba taghhom u ddikjarat null u bla effett, u kkancellat, l-ordni ta' zgumbrament mahruga fil-5 ta' Mejju 2005, mill-Kummissarju tal-Artijiet fil-konfront taghhom, u poggiet lill-partijiet fil-pozizzjoni li kienu qabel il-hrug ta' dik l-ordni, u ddikjarat ukoll li "oltre dan, din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkostanzi, hemm lok ghall-hlas ta' xi danni a favur tar-rikorrent. L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet."

**9.** Fl-istess sentenza dik il-Qorti osservat hekk:

"Din il-Qorti mhux ser tidhol fil-meritu tat-titolu pretiz mir-rikorrenti, peress li din il-kwistjoni li tkun trid tigi mistharrga mill-Qorti kompetenti, jekk u meta r-rikorrent jinghataw zmien bizzejjed biex jikkontestaw xi ordni amministtrattiva li tista' tohrog fil-futur fil-kuntest tal-okkupazzjoni taghhom fil-fond in kwistjoni"[2]

**10.** Dik il-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-meritu ta` din il-kawza huwa simili ghall-meritu tar rikors kostituzzjonali numru 5/2005 fl-ismijiet "Emanuel Camilleri u martu Mary vs Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali" li gie deciz mill-Onorabbli Qorti

[1] Din it-tielet talba kienet giet mizjuda b'ordni tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-sentenza taghha tat-23 ta' Gunju 2011
[2] Pagna 10 tas-sentenza

Kostituzzjonali fil-11 ta` April, 2006. F`dawk il-proceduri rrikorrenti kienu wkoll talbu dikjarazzjoni li l-provedimenti tal-Kap. 228 tal-Ligijiet ta` Malta (Att dwar Zgumbrament minn Artijiet), u in partikolari l-artikolu 3 tieghu, jivvjola l-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem flartikolu 6(1) u l-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni Ewropeja, u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, u ghalhekk huwa null u bla effett. F`dik ilkawza, ghalkemm din il-Qorti kienet qablet mat-tezi tarrikorrent, u iddikjarat l-artikolu in kwistjoni null u bla effett, l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni taghha fuq imsemmija, kienet irrevokat is-sentenza ta` din il-Qorti, u ikkonkludiet li l-Kapitolu tal-ligi in kwistjoni ma jivvjolax iddrittijiet fundamentali tal-bniedem, u dan peress li lordinament guridiku malti jipprovdi metodu ta` kontestazzjoni ta` kull ordni mahruga taht dik il-ligi mill-Kummissarju tal-Artijiet. Fil-paragrafu 8 tad-decizjoni taghha, dik l-Onorabbli Qorti osservat hekk fir-rigward;

*““Kif inghad, meta persuna tircievi ordni taht l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 228 hija tista`, jekk temmen li verament ghandha dritt ossia titolu fuq l-art in kwistjoni, titlob il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni u tipprocedi kif aktar ‘l fuq imfisser. Il-possibilita` ta` dan ir-rimedju, b`ezami shih tal-fatti kollha u tal-ligi minn Qorti imparzjali w indipendenti, ikun ifisser li hemm dritt ta` access ghall-finijiet ta` l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u f`dan is-sens hija d-decizjoni tal-Qorti ta`Strasbourg fil-kawza fl-ismijiet Oerlermans vs Netherlands”.*

“Din il-Qorti, ghalhekk, taghmel ampia riferenza ghall-konsiderazzjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali filkawza indikata, rikors numru 5/2005, u ghall-dawk l-istess konsiderazzjonijiet tiddikjara li l-Kap.228 tal-Ligijiet ta` Malta ma jivvjolax id-drittijiet fundamentali tal-Bniedem, u b`hekk, tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti.

“L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza taghha, osservat ukoll, pero`, li biex cittadin ikollu verament l-opportunita` li jikkontesta ordni mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet, irid jinghata zmien bizzejjed biex jaghmel dan, u kwindi z-zmien ta` bejn l-ghoti ta` avviz ta`

zgumbrament u l-inforzar ta` dik l-ordni ma ghandux ikun wiehed qasir. Dik l-Onorabbli Qorti osservat illi:

*"“Fil-kaz in dizamina wkoll wiehed ghandu jippretendi li jkun hemm bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` --- rappresentati mill-Kummissarju --- li art li allegatament persuna m`ghandhiex titolu fuqha tigi lura f`idejn l-Istat minghajr dewmien inutili, u l-interessi ta` min jippretendi li ghandu titolu fuq dik l-art li jkollu opportunita` ragjonevoli li jikkawtela dak it-titolu, kontestat lilu mill-Kummissarju, billi jirrikorri quddiem il-Qorti”*.

“F`dik il-kawza, kien jirrizulta li l-okkupant kien inghata tlieta jew erba` ijiem biss cans biex jikkontesta l-ordni ta` zgumbrament mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet filkonfront tieghu, u l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet li tali terminu *“hu manifestat irrizorju biex persuna tkun mistennija tipprocedi gudizzjarjament biex twaqqaf lezekuzzjoni ta` dak l-ordni billi tipprova t-titolu taghha”*. Ghalhekk, dik l-Onorabbli Qorti ikkunkludiet illi:

*"“Fil-kaz in dizamina, id-dritt ta` l-appellati ghal access ghal Qorti, garantit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, gie lez mhux bl-Artikolu 3(1) tal-Kap. 228 ut sic izda bil-mod ta` kif il-Kummissarju ta` l-Artijiet ghazel li jipprocedi u japplika dana l-artikolu fil-kaz konkret”*.

“Dik l-Onorabbli Qorti ma semmietx kemm ghandu jitqies zmien ragjonevoli li ghandu jinghata lic-cittadin milqut b`ordni simili, pero`, b`referenza li ghamlet ghall-emendi li gew effettwati fl-artikolu 466, 467 u 468 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta (li skond dik l-Onorabbli Qorti jaghtu *“indikazzjoni tat-triq li tista` tigi segwita”*), jidher li jekk jinghata terminu ta` 20 gurnata (kif issa jinghata f`dawk lartikli), tali zmien ikun ikkunsidrat meqjus u ragjonevoli. Din il-Qorti tara li terminu ta` 20 jum huwa gust u m`ghandux ikun ta` anqas minn hekk. Wara kollox terminu ta` 20 jum huwa moghti lill-konvenut f`kawza biex iressaq il-kontestazzjoni tieghu ghat-talbiet tal-attur imressqa fil-konfront tieghu, huwa moghti wkoll lill min ihossu aggravat b`sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili biex minnha jressaq appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Kwindi hu terminu gust biex persuna milquta b`ordni ta` zgumbrament mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet tikkontesta l-istess ordni.

“Fil-kaz meritu ta` din il-kawza, jirrizulta li l-post in kwistjoni kien inkera lil Salvina Camenzuli, wara l-mewt ta` zewgha, fl-10 ta` April, 1997. Fil-15 ta` Dicembru, 2004, din giet infurmata li l-kirja ma kienetx se tigi mgedda wara l-31 ta` Marzu, 2005. Salvina Camenzuli kif ukoll zewgt itfal bniet taghha accettaw akkomodazzjoni alternattiva, hargu mill-fond in kwistjoni u iffirmaw ftehim gdid ta` kirja. Ir-rikorrent Charles Camenzuli ma accettax li johrog mill-fond meritu ta` din il-kawza u baqa` joqghod fid-dar flimkien ma` martu. Fil-5 ta` Mejju, 2005, ir-rikorrenti gew servuti b`ordni ta` zgumbrament skond il-Kap. 228, u gew moghtija seba` tijiem sabiex johorgu mid-dar.
“Din il-Qorti tara li terminu ta` seba` tijiem hu qasir wisq u mhux ragjonevoli biex dak li jkun jikkonsulta ruhu u jibda lproceduri appositi biex jattakka l-ordni tal-Kummissarju tal-Art. Kif jinghad fil-ktieb ta` Harris & Warbrick, *“Law of the European Convention on Human Rights”* (Butterworths, 1995 Ed.) f`pagna 198:

*““to be effective, the right of access also requires that a person be given personal and reasonable notice of an administrative decision that interferes with his civil rights and obligations so that he has time to challenge it in court”.*

“Gia intwera, li, fil-fehma ta` din il-Qorti, iz-zmien moghti ghandu jkun, tal-anqas, ta` 20 jum, biex dak li jkun jipprepara il-kaz tieghu ghal quddiem il-Qrati. Mhux rilevanti li l-intenzjoni li tigi terminata l-kirja giet manifestata mill-Awtoritajiet kompetenti xhur qabel (b`ittra al-15 ta` Dicembru, 2004), ghax intima li l-kirja mhux se tiggedded mhux l-istess bhal ordni ta` zgumbrament fi zmien seba` tijiem! Ta` l-ewwel taghti x`tifhem li, f`kaz ta` kontestazzjoni, l-kaz jitressaq il-Qorti ghal decizjoni, pero`, it-tieni ma thallhiex lok ghal dan, ghax hi ordni ezekuttiva b`sahha ta` ligi li taghti lill-Kummissarju tal-Art l-poter li anke juza l-assistenza tal-Pulizija Ezekuttiva biex jizgombra mill-fond lil kull min isib in okkupazzjoni.

Irrikorrenti kellhom jinghataw il-possibilita` li jimpunjaw dik lordni mahruga skond l-Att tal-1972 dwar Zgumbrament minn Artijiet; dan, f`dan il-kaz, ma inghatax. Minkejja l-fatt li jidher li l-Kummissarju ma hax passi immedjati biex jizgombra lir-rikorrenti, iz-zmien moghti hu, fil-fehma ta` din il-Qorti, irrizorju u mhux ragjonevoli biex wiehed jistenna li r-rikorrenti jipprocedu gudizzjarjament biex iwaqqfu l-ezekuzzjoni ta` dak l-ordni."

Minn din is-sentenza r-rikorrenti appellaw, u din il-Qorti fis-sentenza moghtija fit-23 ta' Gunju 2011, wara li laqghet l-ewwel aggravju taghhom, irrevokat id-digriet interlokutorju moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Dicembru 2006, u laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex fir-rikors promotur tizdied it-tielet talba fuq indikata. Inoltre, ddecidiet li "In vista ta' dan, din il-Qorti ma tarax l-utilita` li tezamina l-appell fil-meritu li jibqa' impregudikat.", u ordnat li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex tigi kkunsidrata t-talba addizzjonali.

**<u>Is-Sentenza tat-23 ta' Marzu 2012</u>**

**11.** Illi sussegwentement l-ewwel Qorti fit-23 ta' Marzu 2012 tat is-sentenza fuq it-tielet talba, li permezz taghha ddecidiet hekk:

"… … ghar-ragunijiet premessi, u in aggunta ma' dak deciz fis-sentenza li tat din il-Qorti fit-23 ta' Marzu 2007, tilqa' t-tielet talba gdida tar-rikorrenti, tiddikjara li bl-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet sehh ksur ukoll tal-Artikoli 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u marbut ma' dan il-ksur tikkundanna lill-istess Kummisarju tal-Artijiet ihallas lir-rikorrenti, is-somma ta' €800 bhala "just satisfaction" ghal dan l-agir."

**12.** Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Din il-Qorti kienet tat is-sentenza taghha wara li b'digriet tal-21 ta' Dicembru 2006, kienet cahdet talba tar-rikorrenti li ried li tizdied talba ohra fis-sens li l-azzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet tivvjola ukoll l-artikoli 1 tal-Ewwel

Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti kienu appellaw quddiem il-Qorti Kostituzzjonali kemm middigriet tal-21 ta’ Dicembru 2006, li talbu r-revoka tieghu, u kemm mis-sentenza tat-23 ta’ Marzu 2007, li taghha talbu r-riforma.

“Il-Qorti Kostituzzjonali, bis-sentenza taghha, tat-23 ta’ Gunju 2011, ma dahlitx fil-mertu tal-kaz u ma kkonsidratx l-appell ghar-riforma tas-sentenza finali ta’ din il-Qorti tat-23 ta’ Marzu 2007, izda rrevokat id-digriet li kienet tat il-Qorti fil-21 ta’ Dicembru 2006, u laqghet it-talba tarrikorrenti biex jizdied paragrafu fir-rikors bil-kliem “*li l-azzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet tivvjola ukoll lartikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea*”. Din il-Qorti aderixxiet ghal din l-ordni, u fl-udjenza tal-11 ta’ Novembru 2011, ordnat li ssir id-debita adizzjoni kif ordnat il-Qorti Kostituzzjonali.

“F’din l-udjenza, id-defensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx provi relatati ghal din it-tielet talba u qaghdu fuq il-provi gia migbura.

“Din il-Qorti issa sejra tghaddi ghas-sentenza taghha fuq din it-talba l-gdida, u dana peress illi hi gia kienet iddecidiet it-talbiet l-ohra marbuta mal-kaz u hi qed tikkonferma, ghal kull buon fini, dik id-decizjoni.

“Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza precedenti taghha, lawtoritajiet kompetenti kienu zbaljaw meta qabdu u hargu ordni ta’ zgumbrament lir-rikorrenti minghajr ma kkoncedew zmien bizzejjed biex dawn ikunu jistghu jikkontestaw dik l-ordni. Din il-Qorti, fil-fatt, kienet osservat illi:

*““Gia intwera li, fil-fehma ta’ din il-Qorti, iz-zmien moghti ghandu jkun, tal-anqas ta’ 20 jum, biex dak li jkun jipprepara l-kaz tieghu ghal quddiem il-Qrati. Mhux rilevanti li l-intenzjoni li tigi terminata l-kirja giet manifestata mill-Awtoritajiet kompetenti xhur qabel (b’ittra tal-15 ta’ Dicembru 2004), ghax intima li l-kirja mhux se tiggedded mhux l-istess bhall-ordni ta’ zgumbrament fi zmien sebat ijiem! Ta’ l-ewwel taghti x’tifhem li, f’kaz ta’*

*kontestazzjoni, il-kaz jitressaq il-Qorti ghal decizjoni, pero', it-tieni ma thallhiex lok ghal dan, ghax hi ordni ezekuttiva b'sahha ta' ligi li taghti lill-Kummissarju tal-Art,il-poter li anke juza' l-assistenza tal-Pulizija Ezekuttiva biex jizgombra mill-fond lil kull min isib in okkupazzjoni. Irrikorrenti kellhom jinghataw il-possibilita' li jimpunjaw dik l*Kopja *ordni mahruga skond l-Att tal-1972 dwar Zgumbrament minn Artijiet; dan, f'dan il-kaz, ma inghatax. Minkejja l-fatt li jidher li l-Kummissarju ma hax passi immedjati biex jizgombra lir-rikorrenti, iz-zmien moghti hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, irrizorju u mhux ragjonevoli biex wiehed jistenna li r-rikorrenti jipprocedu gudizzjarjament biex iwaqqfu l-ezekuzzjoni ta' dak l-ordni."*

"Hu car, allura, li r-rikorrenti gew disturbati b'mod illegali filpussess li kellhom tal-fond in kwistjoni. It-titolu tarrikorrenti fuq il-fond ghadu qed jigi kontestat, pero', filfehma ta' din il-Qorti, il-pussess li kellhom ir-rikorrenti kien possediment li ma kellux jigi disturbat jekk mhux wara process validu. L-azzjoni tal-Kummissarju intimat kienet, fic-cirkostanzi, "unlawful" u sehh disturb "formali" taddgawdija pacifika li kellhom ir-rikorrenti.

"Ghalkemm Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jipprovdiniex b'definizzjoni ta' x'jikkonsisti l-kuncett ta' beni jew possedimenti, gie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kuncett huwa interpretat b'mod wiesa'. Infatti, f'Mellacher v. Austria (19 December 1989), dan ilkuncett gie interpretat li ma jinkludix biss art, imma anke interessi ohra li ghandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jurix din il-karatteristika ta' valur ekonomiku, dan jeskludi awtomatikament mill-iskop jew l-applikabilita' ta' dan l-Artikolu.

"Skond ma tikteb Monica Carss-Frisk ("A Guide to the Implimentation of Article 1 of Protocol Number 1"), in fatti,

*"...the concept of what constitutes property or "possessions", in Article 1 of Protocol Number 1 is wide ... range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests."*

“Dan l-artikolu ma jillimitax il-protezzjoni li jhaddan lill-proprjeta’ fis-sens klassiku tal-kelma, izda jestendi lprotezzjoni tieghu ghall-interessi ohra. Ir-rikorrenti ilhom snin twal jabitaw fil-fond flimkien mal-genituri tar-rikorrent, u wara l-mewt ta’ missieru, il-kirja, milli jidher, ghaddiet fuq l-omm li baqghet tghix fil-fond sa mal-awtoritajiet kompetenti sabulha post iehor; ir-rikorrenti, pero’, baqghu fil-fond u qed jippretendu titolu fuq l-istess. Mhux kompitu ta’ din il-Qorti tiddeciedi fuq il-validita’ o meno ta’ din ilpretensjoni, pero’, jibqa’ l-fatt li r-rikorrenti ghandhom ilpussess tal-fond, pussess li zgur ghandu valur ekonomiku.

“Kwindi, in aggunta ta’ dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-23 ta’ Marzu 2007, tara li l-agir tal-Kummissarju tal-Art kien ukoll bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghal dan il-ksur, din il-Qorti sejra tordna l-hlas ta’ €800 bhala kumpens, u jibqghu impreggudikati d-drittijiet tal-intimati li jipprocedu legalment ghall-izgumbrament tar-rikorrenti mill-fond in kwistjoni, si et quatenus, b’mod li r-rikorrenti ikollhom lopportunita’ jikkontestaw talba simili kif spjegat fissentenza precedenti ta’ din il-Qorti.

- - Omissis - -

“L-ispejjez marbuta ma’ din id-decizjoni jithallsu mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet.”

**L-Appell tar-Rikorrenti**

**13.** Fir-rikors tal-appell taghhom ghal din is-sentenza, ir-rikorrenti ressqu s-segwenti aggravji.

**14.** L-appellanti esprimew l-ewwel aggravju hekk:

“L-esponenti jilmentaw li minkejja li qajmu bhala kawzali l-Art.8, dan ma jikkonfigurax fir-ragunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti [li] baqghet biss fuq l-ewwel talba, u ma tatx kaz tat-tieni talba.

“Fit-tieni talba kien hemm riferenza ghall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u dan hu mibni wkoll fuq il-kawzali li l-esponenti joqghodu bhala residenza ordinarja taghhom fil-fond de quo. L-azzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet kienet maqsuma fit-tnejn. L-ewwel ittermina l-kirja, u dan jirrizulta mis-sentenza, [ u dan ghaliex gie allegat li hemm progett ta’ xi ufficjini] imbaghad uza l-ordni ta’ zgumbrament.

“L-esponent kien qed jattakka z-zewg provvedimenti fit-talb that l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

“… … … l-esponenti kellu d-dar fejn kien ilu jghix, fejn izzewweg u rabba l-familja, u dipartiment iehor kien qed joffrilu laqx ta’ akkomodazzjoni band’ ohra … …

“Fuq dan l-aspett l-ewwel Onorabbli qorti qaletli mhix ser tidhol fil-mertu tat-titolu, imma dan kellu jkun pern li fuqu kienet mibnija t-tieni talba. Hija proprjuj l-ewwel sentenza tar-rikors li torbot mat-talba – ‘Huma ilhom joqghodu bhal unika residenza taghhom u ta’ uliedhom fil-fond 1B Windmill Street, Valletta.

- - Omissis - -

“… ghalhekk kien hemm vjolazzjoni wkoll tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.”

**15.** <u>It-tieni aggravju</u> hu fis-sens li ghalkemm l-ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma tatx rimedju adegwat u effettiv. Jghidu li d-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti li kien hemm ksur ta’ dan l-artikolu fil-konfront taghhom hija biss rimedju parzjali u aleatorju, u “ma jeskludix id-diskriminazzjoni lamentata li tohrog mil-ligi stess”.

**16.** Jghidu ukoll:

“Imma l-ewwel Onorabbli Qorti ma laqghetx li kien hemm ksur tal-artikolu 6 maghqud mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u li ghalhekk jirrendi l-Kap.228 fl-art.3 tieghu huwa kontra l-Konvenzjoni.

"L-esponenti qed jaghmlu riferenza ghall-kawza *Larkos v Cyprus*, li jidher li ghandhom ligijiet hafna bhal taghna. L-esponenti kellhom kirja li giet terminata kif jirrizulta mis-sentenza b' decizjoni unilaterali tal-Kummissarju tal-Artijiet. Warajha gie uzat il-Kap.288, ghaliex il-gvern igib ruhu mhux bhal sid iehor li jikri lil haddiehor, u ghandu dritt jizgombra.

"… … …. F' dan il-kaz, hemm diskriminazzjoni wkoll ghaliex waqt li cittadin li jikri lil haddiejhor anke f' kaz ta' okkuazzjoni minghajr titolu jrid jaghmel kawza, il-gvern ezenti minn dan, u ma juzax l-istess access ghall-Qorti, u jiddecidi l-kawza tieghu stess.

"Dan ukoll maghdud mal-pozizzjoni li ghandu l-gvern that il-Kap.69. L-esponent f' dan il-kaz gab il-provi li hu kien kerrej. Kif spicca t-titolu tieghu kien b'semplici uzu ta' legislazzjoni, u fiha mhu mehtieg li tinghata l-ebda raguni … …."

**17.** <u>It-tielet aggravju</u> huwa fis-sens li meta fis-sentenza tat-23 ta' Marzu 2012 l-ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u tat-kumpens ta' €800 bhala *just satisfaction*, huma ma nghatawx rimedju effettiv. Jghidu wkoll:

"… … l-esponenti fl-ewwel lok ghandu dritt ghal rimedju effettiv, li jolqot il-vjolazzjoni in radice, u l-just satisfaction tinghata meta dak ir-rimedju effettiv mhux aktar possibbli. Altrimenti l-istat jehles mill-obbligi tieghu li josserva skrupolozament id-drittijet tal-bniedem, billi jhallas ammont li hu anke rrizorju.
"Illum anke l-Qorti Ewropea ghamlet pass 'il quddiem billi qed tapplika l-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni u tindika rimedju effettiv [ara ezempju Salduz v Turkey, u Scoppola v Italy].

"Jekk dan ma jsirx mill-qrati ordinarji u lokali, jkun hemm ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

"<u>Ir-rimedju effettiv huwa li tregga' l-arlogg lura</u>."[3]

---

[3] Sottolinear tal-Qorti

**18.** Ghalhekk ir-rikorrenti appellanti qed jitolbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi [a] tikkonfermaha fejn sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u tibdilha fejn cahdet il-kumplament tal-ewwel talba, billi hekk tilqa' l-ewwel talba fl-interezza taghha, u tibdilha dwar il-kap tal-ispejjez billi tordna lill-intimati jhallsu l-ispejjez tal-kawza; [b] tirriformaha wkoll billli tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-agir tal-Kummissarju intimat kollu kemm hu jivvjola l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u ghalhekk tiddikjara bhala rimedju l-agir kollu tal-kummissarju intimat li johrog jew jipprova johrog lill-esponenti mid-dar residenzjali bhala kontra l-istess artikolu; [c] tikkonfermaha fejn sabet vjolazzjoni tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, u tibdilha dwar ir-rimedju billi taghti rimedju effettiv; [d] tirrevokaha dwar ic-cahda ghat-talba ghad-danni, u minflok tilqa' l-istess bhala danni morali u fuq kollox taghti kull rimedju effettiv opportun u dan stante l-ampjezza ta' poteri li ghandha din il-Qorti halli tissana defenittivament il-ksur tad-drittijiet fundamentali.

**19.** Ghal dawn it-talbiet irrispondew l-intimati billi, ghar-ragunijiet indikati minnhom fir-risposta taghhom, talbu li l-appell jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

*L-ewwel aggravju*

**20.** Dan l-aggravju hu fis-sens li, ghalkemm l-ewwel Qorti laqghet it-tieni talba tar-rikorrenti, l-Artikolu 8 ma jikkonfigura xejn fil-konsiderazzjonijiet taghha.

**21.** Il-Qorti tosserva fir-rigward li dan l-aggravju huwa legalment insostenibbli stante li, kif jinsab abbraccjat fil-gurisprudenza nostrana, appell jista' jsir biss mill-parti dispozittiva tas-sentenza u mhux mill-konsiderazzjonijiet taghha. F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti, <u>laqghet it-tieni talba</u> u ghalhekk, kienu x'kienu l-konsiderazzjonijiet li wassluha biex taghmel hekk, anki jekk inkompleti jew mhux korretti, ma jistax isir appell fir-rigward taghha mill-appellant u

darba li ma sarx appell minnha mill-parti sokkombenti dik it-talba issa saret gudikat.

**22.** Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

*It-tieni aggravju*

**23.** Ir-rikorrenti jibdew dan l-aggravju billi jaffermaw hekk:

“wiehed jista’ jghid li l-esponenti ghandhom ikunu kuntenti li l-Qorti laqghet it-talba taghhom li kien hemm ksur tal-Artikolu 6. Dan hu biss rimedju parzjali.”

u fl-ewwel talba taghhom fir-rikors tal-appell qed jitolbu li din il-Qorti

“[a] tikkonfermaha [is-sentenza appellata] fejn sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u tibdilha fejn cahdet il-kumplament tal-ewwel talba, billi hekk tilqa’ l-ewwel talba fl-interezza taghha, u tibdilha dwar il-kap tal-ispejjez billi tordna lill-intimati jhallsu l-ispejjez tal-kawza.”

**24.** Fir-rigward, il-Qorti tirrileva li, fil-parti dispozittiva tas-sentenza, l-ewwel Qorti <u>cahdet l-ewwel talba</u> diretta sabiex jigi dikjarat null il-Kap. 228 tal-Ligijiet ta’ Malta b’referenza ghall-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni. Ghalhekk mhumiex korretti r-rikorrenti fl-affermazzjoni taghhom li l-ewwel Qorti sabet ksur ta’ dan l-Artikolu b’referenza ghall-ewwel talba.

**25.** Ir-rikorrenti jsostnu li, ghalkemm l-ewwel Qorti rrikonoxxiet, li fic-cirkostanzi kien hemm ksur tal-Artikolu 6 [1] tal-Konvenzjoni fis-sens li l-perjodu ta’ sebat ijiem indikat fl-ordni tal-izgumbrament mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet kien inadegwat sabiex ir-rikorrent jikkontesta jkun fil-pozizzjoni li jikkontesta l-ordni u jressaq il-kaz tieghu quddiem il-qrati ordinarji, l-ewwel Qorti naqset milli tabbina din il-lezjoni mal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni kif mitlub minnu fir-rikors promotur.

**26.** Fir-rigward, il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti mkien fid-dispozittiv tas-sentenza taghha ma sabet xi lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghaliex l-ewwel talba tar-rikorrent li kienet, *inter alia*, tallega lezjoni tal-Artikolu 6 giet michuda u t-tieni talba li ntlaqat mill-ewwel Qorti kienet tallega lezjoni tal-Artikolu 8 u mhux tal-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni. Inoltre, fi kwalunkwe kaz, dan l-aggravju huwa nsostenibbli ghax huma mankanti c-cirkostanzi li jwasslu ghall-konfigurazzjoni tal-vjolazzjoni tal-ligi konvenzjonali kontenuta fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jaqra hekk:

"It-tgawdija tad-drittijiet u liberatjiet kontemplati f' din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhala ma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinioni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew status iehor."

**27.** Fil-kaz ***Larkos v. Cyprus*** (App. 29515/95 – 18 ta' Frar 1999) citat mir-rikorrenti bhala bazi tat-tezi tieghu, il-Qorti tosserva li c-cirkostanzi ta' dak il-kaz, huma differenti minn dawk tal-kaz odjern, principalment, stante li f'dak il-kaz kien hemm *'tenancy agreement'* bejn l-inkwilin u gvern, u allura kien jirrizulta car li l-okkupant kellu d-drittijiet ta' inwkilin skont il-ligi, ghalkemm mhux il-protezzjoni akkordata lill-inkwilini f'postijiet privati.

**28.** Fil-kaz odjern, il-Qorti tosserva li l-ilment tar-rikorrenti li, ghalkemm huma gabu l-prova li huma kerrejja, huma xorta wahda, bhala inkwilini f'post tal-Gvern, huma eskluzi mill-protezzjoni akkordata lill-kerrejja f'postijiet privati bil-Kap. 69, mhux gustifikata, u dan tenut kont tal-fatt li l-allegazzjoni taghhom li huma ghandhom titolu ghal fond *de quo*, m'hijiex sostnuta mill-provi.

**29.** Mill-provi jirrizulta li l-fond kien originarjament inkera mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali lil Vincent Camenzuli, missier ir-rikorrenti Charles Camenzuli, li kien jghix fih flimkien ma' martu Salvina Camenzuli, u

uliedhom, inkluz ir-rikorrent Charles Camenzuli. Meta miet Vincent Camenzuli, l-istess Direttur irrikonoxxa lill-armla Salvina Camenzuli bhala l-unika inkwilina tal-fond. Sadanittant baqghu jghixu fl-istess fond, l-ulied tal-konjugi Camenzuli, inkluz ir-rikorrent li minkejja diversi tentattivi biex jinghata titolu legali ta' kerrej fuq parti minn din id-dar, dan ir-rikonoxximent qatt ma inghata.[4] Id-Direttur baqa' jirrikonoxxi biss lill-imsemmija Salvina Camenzuli bhala nkwilina tal-fond, avolja kien jaf li maghha kienu qed joqoghdu uliedha. Eventwalment fit-22 ta' Frar 2004 l-istess Salvina Camenzuli dahlet fi ftehim iehor ta' kera mad-Direttur, u fis-27 ta' Gunju 2005 irritornat ic-cwievet tal-post lid-dipartiment.

**30.** Ferm il-premess, il-Qorti tosserva li l-fatt li r-rikorrenti, jew xi hadd minnhom, qatt ma gew rikonoxxuti mid-Direttur bhala l-inkwilini tal-fond, jaghti sostenn lit-tezi tal-Kummissarju tal-Artijiet li huwa seta' legalment japplika fil-konfront taghhom id-dispost tal-Artikolu 3 tal-Kap. 228 [salv ghal dak fuq deciz dwar it-terminu moghti ghall-izgumbrament]; u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-istess rikorrenti li jikkontestaw l-ordni ta' zgumbrament fil-qrati ordinarji kif fuq indikat.

**31.** Fil-kaz in dizamina mill-provi migjuba jirrizulta li, ghalkemm ir-rikorrenti jsostnu li ghandhom dritt ta' inkwilinat fuq il-post, ma jirrizultax li kien hemm ftehim ta' kirja bejn ir-rikorrenti u d-Direttur, izda rrizulta li l-ftehim maghmul ma' Salvina Camenzuli kien jirrikonoxxi lilha biss bhala unika inkwilina. Din eventwalment irritornat ic-cwievet lid-dipartiment, u b'hekk ir-rikorrenti, li kienu jghixu fil-fond bis-sahha tal-ftehim li kellha Salvina Camenzuli, sfaw minghajr dan it-titolu li bis-sahha tieghu kienu qed jghixu fil-fond *de quo*, tenut kont li d-Direttur qatt ma ried jirrikonoxxi lir-rikorrenti bhala nkwilini. Inoltre, ghalkemm l-appellanti jghidu li r-rikorrent Charles Camenzuli huwa l-werriet ta' missieru Vincent Camenzuli, huma ma ressqu ebda dokument in sostenn ta' dan.

[4] Aff. Mario Darmenia – fol.29

**32.** Ghalhekk dan l-aggravju ma jistax iregi fic-cirkostanzi partikolari, stante li mill-provi akkwiziti f'dan il-kaz, ma jirrizultax li r-rikorrenti kellhom titolu ta' inkwilinat fil-post. Dan il-fatt jinnewtralizza l-argument taghhom li qed isir diskriminazzjoni bejnhom u bejn inkwilini ta' postijiet privati.

**33.** Ghalhekk dan l-aggravju jitqies bhala nfondat.

**34.** It-tielet aggravju – Dan jirrigwarda t-tielet talba tar-rikorrenti. Dawn jilmentaw li l-ammont ta' €800 stabbilit mill-ewwel Qorti bhala danni morali wara li sabet ksur da parti tal-Kummissarju ntimat tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, m'huwiex rimedju effettiv, li, fic-cirkostanzi hu jiddiskrivieh hekk *"rimedju effettiv huwa li tregga' l-arlogg lura."*

**35.** Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti osservat hekk:

"Hu car allura li r-rikorrenti gew disturbati b' mod illegali fil-pussess li kellhom tal-fond in kwistjoni. It-titolu tar-rikorrenti fuq il-fond ghadu qed jigi kontestat, pero' fil-fehema ta' din il-Qorti, il-pussess li kellhom ir-rikorrenti kien possediment li ma jellux jigi disturbat jekk mhux wara process validu … … …

- - Omissis - -

"… … ghal dan il-ksur, din il-Qorti sejra tordna l-hlas ta' €800 bhala kumpens, u jibqghu mpreggudikati d-drittijiet tal-intimati li jipprocedu legalment ghall-izgumbrament tar-rikorrenti mill-fond in kwistjoni, si et quatenus, b' mod li r-rikorrenti ikollhom l-opportunita' li jikkontestaw talba kif spjegat fis-sentezna precedenti [dik tal-23 ta' Marzu 2007]"

**36.** Minn dan jirrizulta car li l-ewwel Qorti, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, filwaqt li sabet li kien hemm lezjoni tal-artikolu konvenzjonali fuq indikat, halliet impregudikata l-pozizzjoni legali tar-rikorrenti sabiex l-allegazzjoni ta' titolu da parti taghhom tigi ezaminata mill-qrati ordinarji. Inoltre, kif jirrizulta mill-ewwel sentenza

moghtija fit-23 ta' Marzu 2007 l-ewwel Qorti laqghet it-tieni talba fis-sens li ddikjarat *"nulla u bla effett u tikkancella l-ordni tal-Kummissarju tal-Artijiet mahruga fil-konfront tar-rikorrenti fil-5 ta' Mejju 2005, u tpoggi lill-partijiet fil-pozizzjoni li kienu qabel il-hrug ta' dik l-ordni."* Ghalhekk fi kliem l-istess rikorrenti dawn nghataw mill-ewwel Qorti "rimedju effettiv li tregga' l-arlogg lura" ghax b'din id-decizjoni gie ripristinat l-i*status quo ante* tar-rikorrenti.

**37.** Illi rigward il-materja tar-rimedju, il-Qorti tosserva li ghall-finijiet tal-ezami odjern huwa sinifikattiv il-fatt pacifikament akkolt li hafna zmien qabel ma nharget l-ordni ta' zgumbrament, id-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali offrielhom akkomodazzjoni alternattiva anke fl-istess belt, izda f'parti differenti tal-belt, fejn setghu jmorru jghixu r-rikorrenti bit-tfal taghhom, u dan minnkejja li d-Direttur qatt ma rrikonoxxa lir-rikorrenti bhala inkwilini.

**38.** Illi tenut kont li fl-aggravju taghhom ir-rikorrenti sostnew li d-dipartiment offrewlhom "l-laqx ta' akkomodazzjoni band' ohra" (fol. 3) huwa opportun li din il-Qorti tiddeskrivi l-akkomodazzjoni offruta lir-rikorrenti u r-raguni tar-rifjut da parti taghhom.

**39.** Jirrizulta nkontestat li d-dipartiment ghall-Akkomodazzjoni socjali offrielhom is-segwenti fondi (ara Affidavit Mario Darmenia u dokumenti annessi – fol. 29 et seq.):

"1. Fit-12 ta' Gunju 2003 gie offrut lir-rikorrenti appartament f'binja gdida fi Triq San Nikola, Valletta, konsistenti fi tlett ikmamar tas-sodda, kcina u kamra tal-ikel *combined*, salott u kamra tal-banju. Ir-rikorrenti qalu "m'ahniex interessati f'dan il-post partikolari."
"2. Fis-17 ta' Marzu 2004 gie offrut lilhom appartament f'binja gdida fi Triq il-Merkanti, Valletta, konsistenti f'zewgt-ikmamar tas-sodda, kcina u kamra tal-ikel *combined*, salott u kamra tal-banju. Ir-rikorrenti qalu: *"too small for 4 persons."*

"3. Fit-18 ta' Marzu 2004 gew offruti appartament fi Triq Dun Gorg Preca, Blata l-Bajda b'zewgt-ikmamar tas-

sodda, kcina, kamra tal-ikel u salott *combined*, u kamra tas-sodda. Ir-rikorrenti rrifjutaw l-appartament ghax qalu *"too many steps. Due to old age."*

"4. Fil-5 ta' Mejju 2005 gew offruti appartament fi Triq Sant' Ursula Valletta, konsistenti fi tlett ikmamar tas-sodda, kcina, kamra tal-banju, u kcina, kamra tal-ikel u salott *combined* li jinsab f'binja gdida. Ir-rikorrenti rrifjutaw ghax "il-post fejn hu qieghed iqabbadni *depression.*" u kitbu "Jien irrid dar bhal ma kelli fejn Hastings. Nitolbok ittini *extension* sa ma tinzerta wahda."

"5. Fit-13 ta' Mejju 2005 gew offruti terran elevat fi Triq il-Punent Valletta, konsistenti fi tlett ikmamar tas-sodda, salott, kcina u kamra tal-ikel *combined*, kamra tal-banju, *boxroom* u bitha. Ir-rikorrenti rrifjutaw, u skont in-notament li tnizzel mill-ufficjal tad-dipartiment, ir-rikorrenti Helen Camenzuli "informatni li dan il-post hu ekwivalenti mal-post illi qed nokkupa issa. 'Il quddiem jara l-Avukat taghna u l-Qorti." (fol. 46)

Din ix-xhieda ma gietx kontestata mir-rikorrenti.

**40.** Kif jirrizulta mill-premess, apparti l-fatt li r-rikorrenti qatt ma gew rikonoxxuti bhala inkwilini, u apparti l-fatt li f'dawn il-proceduri ma ressqux provi dwar l-allegat titolu taghhom, u wkoll apparti l-fatt li l-post kien ser jittiehed mill-gvern ghal skop pubbliku, id-Dipartiment xorta wahda haseb sabiex jipprova jakkomodahom anke fl-istess belt fejn kienu joqoghdu, u f'postijiet li uhud minnhom, bi tlett ikmamar tas-sodda, kienu adegwati sew ghall-bzonnijiet taghhom.

**41.** Ghalhekk dan l-aggravju huwa mhux biss infondat izda fieragh.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tichad dan l-appell, bl-ispejjez kollha a karigu tal-appellanti; tordna li l-ispejjez fl-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------